PDF Compressor Pro





*Mons Isqof Makumba jidher jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi tas-Santwarju Ta' Pinu. Jidhru wkoll ir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar (xellug), Dun George Grima (lemin) u xi membri tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu*

# Isqof mill-Kenja jżur Għawdex

**Mons. Mourice Makumba**, Isqof tad-Djoċesi ta' Nakuru, pajjiż fil-Kenya żar lill-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu waqt li qaddes f'diversi knejjes f'Għawdex u Malta biex jirringrazzja lill-tant benefatturi li permezz tal-Moviment Missjunarju qed jgħinu f'aktar minn ħdax-il dar tat-tfal foqra fid-djoċesi tiegħu.

Isqof Maurice flimkien ma' Dun George Grima qaddes fis-Santwarju Ta' Pinu, fejn anke ġie mdawwar mal-Mużew u mogħti tagħrif fuq is-Santwarju, mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar. **Mons. Makumba** iltaqa' wkoll ma' bosta benefatturi tal-Moviment Missjunarju, mal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona u mal-President ta' Malta, Dr. Ġorġ Abela.



*Mons Isqof Makumba jitlob fil-Kappella tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*



*It-tim tat-tfal quddiem ir-restorant Lantern, f'Marsalforn*

# Għajnuna lix-Xgħajra Tornados

Il-Maniġer tal-Lantern Restaurant, Marsalforn, Kevin Meylaq ippreżenta set komplut ta' flokkijiet, *shorts* u kalzetti lil Raymond Camilleri, amministratur (xellug) u Simon Grixti, Segretarju, (lemin) tat-team tal-Youths U/19 ta' Xgħajra Tornados, li qiegħed jieħu sehem fil-*league* tal-*Youths Section D* tal-MFA. Il-preżentazzjoni saret f'Għawdex, fil-preżenza tat-*team* żagħżugħ kollu.

***Ritratt lemin:*** *Kevin Meylaq (lemin) jidher jippreżenta sett komplut ta' flokkijiet, shorts u kalzetti lil Raymond Camilleri*



**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**

# Mons. George Bezzina jinħatar Amministratur għal San Ġakbu

Mons. Isqof Mario Grech ħatar lil Mons. George Bezzina, mir-Rabat, Għawdex, bħala amministratur tal-Knisja ta' San Ġakbu, li tinsab faċċata ta' Pjazza t-Tokk, flok Mons. Ġużeppi Curmi, mill-Munxar, li miet dan l-aħħar u li għal snin twal kien ir-rettur ta' din il-knisja.

Sadattant, Mons. Isqof Grech talab lil Mons. Bezzina biex jippreżenta rapport dwar il-ħidma pastorali marbuta ma' din il-Knisja u rapport finanzjarju li jiġbor fih l-amministrazzjoni ta' kull enti preżenti fl-istess knisja.



*Mons. George Bezzina*

Irrakkomanda wkoll illi kemm jista' jkun malajr isir inventarju ta' dak li hemm fil-knisja, u fl-immedjat, Mons. Bezzina f'kollaborazzjoni mas-Segretarju Pastorali tad-Djoċesi, Dun Giovanni Curmi, jara kif jista' jkompli jimplimenta l-pjan tad-Djoċesi biex il-knisja ta' San Ġakbu tkun santwarju tar-Rikonċiljazzjoni.



*Il-Bust ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi*

# Kummenti pożittivi ħafna għall-bust ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi

Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija u Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali, Mons. Giovanni Bosco Gauci, qal lil *The Maltese Herald* illi l-kummenti tal-pubbliku dwar il-bust ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi, li jinsab għall-wiri f'post ċentrali mhux il-bogħod mill-qabar ta' Mons. Isqof Cauchi, fil-Katidral, kienu pożittivi ħafna. Minn hawn u ftit ġranet oħra l-bust, xogħol l-iskultur Għawdxi, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi jintbagħat ġo funderija fl-Italja għall-eżekuzzjoni tiegħu fil-bronż. Sadattant qed isiru l-aħħar tħejjijiet għall-kostruzzjoni tal-Monument fl-irħam li hu fdat f'idejn il-marmista Raymond Bonello mix-Xagħra, Għawdex.

Kemm il-bust kif ukoll id-disinn tal-monument sħiħ hu tal-iskultur Għawdxi, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi.

## Servizz ta' Welfare

Il-Kunsill tal-Komunità Maltija ta' NSW jixtieq javża li qed joffri servizz ta' *Welfare Officer* darba fix-xahar minn dawn il-postijiet: Mill-uffiċċju ta' **Sydney Multicultural Community Service Centre, Daceyville**, **Greystanes** u minn **LLandilo.**

Għal aktar informazzjoni jew biex tagħmlu appuntament mal-Welfare Officer f'wieħed minn dawn il-postijiet, ċemplu lil **Rita' O'Dwyer** fuq **0432 437 293**

**Dan is-servizz qed isir permezz ta' grant lill-Kunsill Malti ta' NSW li rċieva mingħand il-Community Relation Commission ta' NSW**